MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2012

Numru. 479/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Sylvana Briffa u**
**Spettur Jurgen Vella]**

**vs**

**Kenneth Cassar**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kenneth Cassar detentur tal-karta tal-identita` numru 470480(M):

Akkuzat talli:

Nhar il-5 ta’ Mejju 2012 ghal habta tal-erbgha ta’ filghodu u hinijiet qabel, gewwa triq il-Kurcifiss l-Isla ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’ wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu

jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ghal diversi membri tal-korp tal-pulizija, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, li huma persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorità kompetenti.

u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna biza' lil Chantelle Vella u Rayson Vella li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjetà taghha ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra.

u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku u cioè l-pulizija mill-ghassa ta' Bormla u l-pulizija tal-Iskwadra Mobbli, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijiethom, billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi giebu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor kien ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun.

u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr ma darab jew sawwat hedded jew waddab oggett iebes lejn id-direzzjoni ta' Chantelle Vella u Rayson Vella.

u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.

ukoll talli bil-lejl fl-istess cirkustanzi kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor.

akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil Chantelle Vella u Rayson Vella ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali.

u aktar talli ghad li kien xurban qal fil-pubbliku kliem oxxen u indicenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod mhux provdut f'dan il-kodici, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika.

kif ukoll talli uza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu maghrufa minn impriza ghal uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella wzah b'mod mhux kif imiss.

U aktar talli fl-istess hin, data, u cirkostanzi kiser sentenza tal-Qorti moghtija fl-24 ta' Novembru 2011, mill-Magistrat Dr. Edwina Grima fejn gie kkundannat sena 'conditional discharge' taht il-Kap 446 tal-Artikolu 22 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-24 ta' Novembru, 2011;

U aktar talli naqas milli jhares xi wahda, u/jew aktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit LL.D b'digriet datat 31 Ottubru 2011, u li permezz tieghu l-istess Kenneth Cassar inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja u li ma jkellimx jew javvicina la direttament u anqas indirettament lix-xhieda tal-prosekuzzjoni waqt li jkun mehlus mill-arrest.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat imsemmi, tirrevoka 'contrario imperio' d-digrieti tal-helsien arrest datat 31 ta' Ottubru 2011 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Kenneth Cassar. Kif ukoll, li tordna li s-somma ta' 15,200 Ewro bhala garanzija personali, li giet imposta fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest tghaddi favur il-Gvern ta'

Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll illi f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza jew individwi ohra jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta’ protezzjoni tal-persuna leza jew individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza’ ta’ vjolenza, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat u dan ai termini tal-artikoli 412C.

Il-Qorti finalment giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta` ta’ Chantelle Vella u Rayson Vella u tapplika l-provedimenti ta’ Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-verbal tas-6 ta’ Mejju 2012 fejn gie dikjarat li l-imputat ghandu dipendenza fuq id-droga u huwa dispost illi jibda programm f’San Blas li dan gie wkoll ikkonfermat minn rapprezentanza tal-Caritas fl-21 ta’ Mejju 2012.

Rat l-istqarrija tal-imputat u l-ammissjoni tieghu u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jrregola ruhu, fl-udjenza tal-21 ta’ Mejju 2012.

Rat l-atti kollha.
Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikol1 17(b), (d) u (h), 95, 96, 251B, 338(m), 338(dd), 338(ee), 339(b), 339(e), 383 u 412C tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 48(d) tal-Kap. 399 u l-Artikoli 22 u 23(1)(b) tal-Kapitolu 446 u l-Artikolu 579(3) stante ammissjoni qed issib lill-imputat Kenneth Cassar hati tal-akkuzi kollha u stante li l-ewwel (1) akkuza hija mezz ghal fini tat-tieni (2) akkuza u ghalhekk tigi assorbita fiha u stante illi r-raba’ (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba’ (7), it-tmien (8), id-disa’ (9) u l-ghaxar (10) huma assorbiti fit-tielet (3) akkuza qed tikkundannah ghal seba’ (7) xhur prigunerija u multa ta’ mitejn Ewro (€200) ghall-hdax-il

(11) akkuza, filwaqt illi ghat-tnax-il (12) akkuza tikkundannah multa ta’ mitt Ewro (€100) filwaqt li mhix ser timponi s-sanzjonijiet imposti taht l-Artikolu 579 (1) u (2) stante illi thoss illi l-imputat kien ipprovokat u dan kif johrog mill-istqarrija tieghu u ghaldaqstant ma tordnax ir-revoka tad-digriet tal-helsien mill-arrest u l-konfiska tas-somma.

Illi inoltre u abbazi tal-Artikolu 412 (c) qeghda timponi protection order favur Chantelle Vella, Rayson Vella u l-familjari taghhom li ghandha tifforma parti integrali mis-sentenza odjerna.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------